**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 42/2022 BS**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Bryjan Limited, Joseph Rapa u James Ballantyne**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-Bank attur ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 illi ppremetta:**

i. ILLI bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tliet kuntratti magħmula wieħed fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) (Dok. 'A'), ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) (Dok. 'B'), u t-tielet wieħed magħmul fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu elfejn (2000) (Dok. 'C'), u ta' sitt skritturi privati tad-9 ta' Awwissu 1993, 14 ta' Awwissu 1995, 9 ta'

Settembru 1997, 1 ta' Settembru 1998, 1 ta' Diċembru 1998 u 16 ta' Ġunju 2000 (Dok. 'D', 'E', 'F', 'G', 'H', 'I', rispettivament), il-Bank attur kien ikkonċeda faċilitajiet bankarji lis-soċjetà konvenuta ta' mitejn tnejn u tletin elf, disa' mija u sebgħa u tietin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmi (232,937.34), bil-konvenuti l-oħra Joseph Rapa u James Ballantyne daħlu garanti solidali mad-debitriċi prinċipali (Dok. 'P','K', 'L', 'M', 'N');

ii. ILLI bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu magħmul fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-sitta u għoxrin (26) ta' Frar elfein u tlieta (2003) (Dok. 'O'), u ta' skrittura privata tas-16 ta' Lulju 2002 (Dok. 'P'), is-soċjetà konvenuta ikkostitwiet ruħha veru, ċert u likwidu debitur tal-Bank attur għas-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf, tmien mija u sebgħa u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€242,867.55), bil-konvenut l-ieħor Joseph Rapa reġa' daħal garanti solidali mad-debitriċi prinċipali, wara li l-Bank attur kien talab lill-konvenuti iħallsu lura d-dejn kollu li kien għad fadal li jitħallas mill-kumpannija Bryjan Limited fuq dan is-self u l-imgħax;

iii. ILLI preżentement il-Bank attur jinsab kreditur tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin elf, mija u għoxrin elf ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€282,120.97) bilanċ għad-debitu fil-Business Loan Accounts bin-numri 32413562019 32413562022 (Dok. 'Q' u Dok. 'R' rispettivament) sad-9 ta' Marzu 2022, flimkien ma' l-imgħax ulterjuri minn dak in-nhar sad-data tal-effettiv pagament;

iv. ILLI seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi hawn fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjetà konvenuta:

(a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati;
(b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati; u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuta u tal-garanti cjoè l-konvenuti l-oħra Joseph Rapa u James Ballantyne li jħassbu serjament lill-Bank attur, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-istess Bank attur.

v. ILLI l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex iigi saldat id dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti, u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

vi. ILLI dan id-dejn huwa wieħed ġert, likwidu, u dovut, u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra it-talba tal-Bank attur għal dan il-ħlas.

vii. ILLI l-Bank attur jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddeċiedi t-talba tal-Bank attur bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenuta (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopra indikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuta u tal-garanti Joseph Rapa u James Ballantyne li jħassbu serjament lill-Bank attur, li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-istess Bank attur; u konsegwentement

3. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill Bank attur is-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin elf, mija u għoxrin elf ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€282,120.97) bilanċ ghad-debitu fil-Business Loan Accounts bin-numri 32413562019 u 32413562022 sad-

9 ta' Marzu 20222, flimkien ma' l-imghax ulterjuri minn dak in-nhar sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-interpellatorji tal-31 ta' Ottubru 2019 u 18 ta' Gunju 2020 u tal-ittra uffiċjali 181/2021, 182/2021, 183/2021, 184/2021, 185/2021, u 186/2021, u tal-mandat ta' Sekwestru ippreżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa biex jidhru għas-subizzjoni.

**Il-Qorti:**

Rat l-atti kollha.

Rat li għalkemm fis-seduta tas-26 ta April, 2022 l-konvenuti ġew akkordati għoxrin jum sabiex jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom, huma naqsu milli jagħmlu dan.

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2022 il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali għas-seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2022.

Rat li fl-20 ta' Ottubru, 2022 il-konvenuti ma dehrux u wara t-trattazzjoni da parti ta' l-abbli difensur tal-bank attur, l-kawża ġiet differita għas-sentenza tal-lum.

**Ikkunsidrat.**

i. **Preliminari**

Din tal-lum hija kawża istitwita mill-bank attur kontra l-konvenuti wara li l-attur ikkonċeda faċilitajiet bankarji lis-soċjeta konvenuta ammontanti għal € 232,937.34. Iż-żewġ konvenuti l-oħra, diretturi tas-soċjeta konvenuta, istiwew rwiehom garanti solidali mas-soċjeta konvenuta. Illum l-ammont misluf jammonta għal € 282,120.97 u ma din is-somma jrid jiżdied l-imgħax dovut. Billi s-soċjeta konvenuta ma onoratx il-pagamenti dovuti minnha u bi ksur tad-diversi skritturi ffirmata bejnha u l-bank attur, dan ta' l-aħħar ipproċeda b'din il-kawża biex jiġbor l-ammont dovut lilu. Fis-seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2022 il-Bank attur

iddikjara li l-ammont li llum huwa dovut mill-konvenuti huwa dak ta' € 221,867.39.

Il-konventi minkejja li ngħataw l-opportunita li jippreżentaw risposta ġuramentata għat-talbiet tal-bank attur, baqgħu inadempjenti u rrendew ruħhom kontumaċi.

**ii) Provi**

Jiġi rrilevat li għalkemm il-konvenuti huma kontumaċi, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni. Illi l-istitut tal-kontumaċja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni. Għalkemm konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda. Xorta waħda jinkombi fuq il-ġudikant id-dmir li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut[1]. Ladarba l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni, l-attur xorta għandu jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom.[2]

Mill-provi prodotti mill-bank attur jirriżulta li fit-28 ta' Awwissu, 1993, is-soċjeta konvenuta tramite il-konvenuti l-oħra bħala diretturi ffirmaw kuntratt mal-bank sabiex dan ta' l-aħħar jagħti faċilitajiet bankarji fosthom li s-soċjeta jkollha "overdraft" ta' Lm 5000. Il-ftehim jinkludi wkoll ħlas ta' nteressi bir-rata li ma taqbiżx dik stabbiliti bil-liġi. Id-diretturi konvenuti dehru fuq il-kuntratt in rappreżentanza tas-soċjeta konvenuta kif ukoll bħala garanti. Huma ikkostitwew favur il-bank ipoteka ġenerali fuq il-propjeta kollha tal-kumpanija konvenuta Bryjan Limited.

Fis-26 ta' Marzu, 1999 sar kuntratt iehor bejn il-Bank attur, il-konvenut Joseph Rapa bħala rappreżentant ġuridiku tas-soċjeta konvenuta kif ukoll fil-kwalita tiegħu personali bħala garanti u t-terz bejjiegħ ta' propjeta li kienet ser tinxtara mis-soċjeta konvenuta. Dak inhar il-Bank silef lill-kumpanija konvenuta is-somma ta' Lm 85,000 bl-imgħax li ma jkunx

---

[1] Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magro, 24/11/1934, Kollez. Vol. XXIX, P III, pg 35.

[2] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, deciza fis- 27 ta Marzu, 1996

jaqbeż l-ammont stabbilit mill-liġi. Dak inhar ukoll il-konvenut Joseph Rapa iskriva ipoteka ġenerali fuq il-propjeta kollha tiegħu preżenti u futura kif ukoll ipoteka speċjali fuq il-propjeta elenkata fl-istess kuntratt.[3] Minn naħħa tiegħu l-konvenut James Ballantyne iffirma dokument ta' garanzija favur dan is-self.[4]

Fl-24 ta' Awwissu, 2000 il-Bank attur u Joseph Rapa, personalment bħala garanti kif ukoll bħala direttur in rappreżentanza tas-soċjeta konvenuta iffirmaw ftehim ieħor sabiex il-faċilita ta "overdraft" tiżdied b'Lm 10,000 u tiġi Lm 15,000. Għal darb'oħra Joseph Rapa bħala garanti iskriva ipoteka ġenerali fuq il-propjeta tiegħu preżenti u futura kif ukoll ipoteka speċjali fuq il-propjeta deskritta fl-istess kuntratt.[5]

Jirriżulta wkoll li minbarra it-tlett kuntratti msemmija l-partijiet iffirmaw ukoll sitt skritturi privati.

Fl-2003 sewwasew fis-26 ta Frar, il-konvenuti Rapa u Bryjan Limited in solidum iffirmaw kuntratt ta' kostitizzjoni ta' debitu u ddikjaraw li d-debitu huwa ċert likwidu u dovut fis-somma ta LM 104.263,03.[6]

Matul il-kawża xehdet ukoll Georgine Gauci, manager fil-Bank of Valletta. Filwaqt li tagħmel referenza għal kuntratti u skritturi privati msemmija ġia supra tgħid li l-konvenuti għadhom ma ħallsux id-dejn minnhom dovut versu l-Bank attur tant li l-ammont huwa ta' € 282,120.97. Tisħaq li dan l-ammont hwa ċert, likwidu u dovut.

In vista tad-dokumenti esebiti u x-xhieda mhux kontradetta minn Georgine Gauci, il-Qorti fliet ir-reżokont tal-pagamenti li kienu qed jsiru mill-kumpanija konvenuta sabiex din tħallas lura s-somma mislufa lilha mill-Bank. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-ammont li attwalment huwa dovut lill-Bank attur jammonta għal mitejn u sittin elf mija u tlieta u għoxrin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€260,123.53).[7]

---

[3] A fol 13 tal-process.
[4] A fol 57 sa fol 59 tal-process
[5] A fol 22 tal-process
[6] A fol 67 tal-process – ekwivalenti ghal €242,867.55
[7] Dikjarazzjoni ta l-abbli difensur tal-Bank waqt is-seduta ta l-20 ta Ottubru, 2022.

Huwa minnu li s-self sar lill-kumpanija Bryjan Limited, pero huwa minnu wkoll li kemm il-konvenut Joseph Rapa kif ukoll James Ballantyne ikkostitwew rwiehom bħala garanti solidali. Dan jfisser illi huma rrendew ruħhom responsabbli għad-dejn tal-kumpanija konvenuta li hija d-debitur prinċipali[8] u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 1094 tal-Kap 16 Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:

*L-obbligazzjoni hija in solidum għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur.*

In linea ġenerali dan ifisser illi mhux is-soċjeta konvenuta biss hija responsabbli għal ħlas ta' l-ammont dovut iżda ż-żewġ konvenuti l-oħra wkoll. Madankollu fil-każ odjern l-Qorti tosserva li l-konvenut James Ballantyne daħal bħala garanti fuq il-kuntratt ta' l-1993 u ċioe meta il-Bank akkorda il-faċilita ta' "overdraft" fl-ammont ta' Lm 5000 lill-kumpanija konvenuta u fl-1999 meta l-bank ta self ta' Lm 85,000. Fil-kuntratti l-oħra kollha sussegwenti deher biss il-konvenut Rapa waħdu bħala direttur u garanti solidali. Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-fatti l-konvenut James Ballantyne ma jistax jitqies bħala garanti solidali għal ammont kollu reklamat mill-Bank attur, iżda biss għal ammont ta' Lm 90,000 ekwivalenti għal € 209,643.30.

Rigward l-imgħaxijiet reklamati mill-bank attur l-Artikolu 1141 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi :

*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

Dan ifisser illi meta l-obbligazzjoni għandha natura kummerċjali l-imgħax jibda jagħddi *ipso iure* mid-data tat-twettieq ta' dik l-obbligazzjoni u mingħajr il-ħtieġa ta' interpellazzjoni b'ittra ġudizzjarja.

---

[8] Borg and Aquilina Limited vs Ta Natu Limited, Prim Awla, deciza 30 ta Novembru, 2010.

Mid-dokumenti prodotti mill-attur[9] jirrizulta li l-imgħax beda għaddejj mid-data li kellha titwettaq l-obbligazzjoni u bir-rata maqbula bejn il-partijiet u maħduma kif preċiżat fid-dokumenti prodotti.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti il-Qorti tqis li l-Bank attur irnexxielu jipprova li l-ammont pretiż minnu huwa effettivament dovut mill-konvenuti kif deskritt *supra*.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi din il-Qorti qed taqta u tiddeċidi din il-kawża billi :

i) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba;
ii) Tilqa' t-tieni talba;
iii) Tilqa' t-tielet talba b'dan illi tiddikjara li l-ammont dovut lill-Bank attur huwa ta' mitejn u sittin elf, mija tlieta u għoxrin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€260,123.53), bl-imgħax mid-9 ta' Marzu, 2022 sad-data tal-ħlas effettiv. Tordna wkoll illi kull wieħed mill-konvenuti għandu jħallas l-ammont dovut in virtù tal-garanzija solidali mogħtija minnu.

L-ispejjeż kollha tal-kawża kompriżi dawk ta' l-ittri ġudizzjarji kollha mis-17 ta' Marzu, 2004 sa 16 ta' Marzu, 2021, jkunu a karigu tal-konvenuti *in solidum*.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[9] A fol 25 sa fol 46 tal-process